MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 33

24 ta' Frar 2015

Minuti tas-seduta Nru. 33 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 24 ta' Frar 2015.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier E. Bartolo li kien skużat minħabba li kien indispost. Huwa għarraf b'dan permezz ta' imejl datat 23 ta' Frar 2015. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Segretarju għarraf li għalkemm il-Kunsillier E. Bartolo ma setax jattendi bagħat imejl fejn talab li l-minuta 4.1.4. **(Ref: P/8/1/Vol II)** tinqara kif ġej:

*"4.1.4. Kunsill inkariga lill-Kunsillier H. Fenech sabiex jikkuntattja lid-direzzjoni tas-soċjeta` bil-għan jsir magħruf eżatt x'hini eżattament l-esiġenza msemmija fit-talba, minħabba li l-Kunsillier E. Bartolo, li hu responsabbli minn dan il-qasam, se jkun indispost għal xi żmien minħabba raġunijiet mediċi.".*

1.2. Is-Sur E. Bartolo talab ukoll li l-minuta 9.3. **(Ref: P/4/4/Vol III)** tiġi emendata kif jidher hawn taħt:

*"9.3. Is-Segretarju qal li huwa kkuntattja lis-Sur Russell Muscat mill-Ministeru msemmi illi għarfu li ser jitwaqqaf il-Cultural Heritage Fund, li permezz tiegħu jkunu jistgħu jsiru nterventi żgħar f'dak li huwa restawr. Il-Kunsillier E. Bartolo talab li tigi studjata l-posssibilta' li jsir kuntatt mat-taqsima tar-restawr dwar jekk il-ħitan jistgħux jigu mirfuda b'xi tip ta' scaffolding sabiex nevitaw li tkompli ssir ħsara estensiva u li aktar tard tista' tirriżulta fi ħsara rreperabbli. B'hekk jiġi aċċertat li ġawhra bħalma hi din il-Batterija ta' Westreme ma tintilifx darba għal dejjem.".*

1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 6.5. **(Ref: A/5/3/7)** u talab li din tinqara kif ġej:

*"6.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li r-reklamar illi sar fuq il-mezzi tal-PBS Ltd ċertament li kien effettiv, flimkien ma' dak li sar permezz ta' mezzi oħra, biex il-pubbliku sar jaf bl-avveniment. Kompla jgħid li l-prezz imħallas kien wieħed skontat.".*

1.4. Il-Kunsill approva l-minuti bl-emendi mressqa u għaldaqstant is-Segretarju ġie mitlub jippubblikahom fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Rampa għall-persuni b'diżabilita` fi Triq San Pawl (P/8/1/Vol II)

2.1.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa tkellem ma' diriġenti tas-Societa` Filarmonica La Vittoria fuq il-post, fi Triq San Pawl. Huwa qal li t-tarġa tal-bieb hija 23 ċentimetru għolja u għalhekk jeħtieġ li jogħla l-livell tal-bankina u ssir ramp fuq tul ta' 4.6 metri. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm parkeġġ riżervat għall-istess skop quddiem il-bieb tas-sala tal-każin b'tali mod li ma jiġix fl-aktar parti baxxa tal-bankina minn fejn irid jgħaddi s-siġġu bir-roti. Is-Sur H. Fenech kompla jgħid li l-każin La Vittoria huwa l-uniku post pubbliku f'Misraħ il-Parroċċa li għandu dħul għalih mill-livell tat-triq, apparti bar li hemm faċċata tiegħu.

2.1.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-bankina għandha tiġi elevata sal-bieb tas-sala tal-każin, b'rampa fuq iż-żewġ naħat tagħha skont il-linji gwida Access for All ippubblikati mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita`. Ġie deċiż ukoll li jsir puġġaman bejn ir-rampa u t-triq bil-għan li d-diżlivell li jinħoloq ma jkunx perikoluż.

### 2.2.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)

2.2.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 20.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li hemm il-possibilta` li l-kompetizzjoni tas-*Snooker* organizzata mill-Kunsill issir fis-sede tas-Societa` Filarmonica La Vittoria.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Proġett bi sħab mal-Comune di Clusone fl-Italja (P/10/19)

2.3.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-minuta 23.1. tas-seduta ta' qabel u kkummenta li minkejja illi huwa ngħata r-responsabbilta` taż-żgħażagħ ma ġiex ikkonsultat dwar l-għażla tal-grupp li għandu jipparteċipa fil-proġett li jġib l-isem *"La cultura unisce i giovani europei con minori opportunita`"*

2.3.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo wieġeb li s-suġġett tqajjem għad-diskussjoni f'diversi seduti u għalhekk kien hemm l-opportunita` biex jitressqu proposti dwar l-għażla tal-persuni fil-grupp li ssemma fis-seduti preċedenti. Kompla jgħid li minflok l-ispiża relatata mal-bagalji, il-Kunsill jista' jipprovdi l-assikurazzjoni li tammonta għall-€299.70, skont stima mogħtija minn Middlesea Insurance. Huwa ppropona wkoll li jiġi pprovdut ukoll it-trasport minn u għall-ajruport

2.3.4. Il-Kunsill laqa' il-proposti mressqa fil-minuta 2.3.3.

### 2.4.1. Attivita` mill-Federazzjoni Vetturi Antiki (A/6/3/2/Vol 47)

2.4.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u aġġorna lill-Kunsill dwar l-attivita` tal-federazzjoni msemmija, li oriġinarjament kienet tikkonsisti f'*rally* li jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Kompla jgħid li minħabba l-problemi li ndika l-Kunsill fis-seduta ta' qabel, qed jikkonsidraw il-possibilta` li r-rally jintemm fejn l-irziezet ta' Selmun.

2.4.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u talab li ssir applikazzjoni għall-permess skont il-proċedura normali.

### 2.5.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.4.2. dwar il-ħarġa li saret għaċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni (ĊAK) f'Birkirkara. Hija għarfet li t-taħdita dwar is-separazzjoni tal-iskart ma' saritx peress li min kellu jagħmilha kien indispost.

2.5.3. Hija pproponiet illi l-ħarġa li jmiss tkun għall-Palazz ta' Verdala fl-20 ta' Marzu 2015 bil-ħlas ta' €12 li jinkludi t-trasport, waqfa għall-kafe` u donazzjoni ta' €5 għall-Community Chest Fund.

2.5.4. Il-Kunsill approva l-inizjattiva proposta fil-minuta 2.5.3.

### 2.6.1. Kors tal-Yoga (E/3/1/11)

2.6.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 19.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-għalliema tal-kors tal-Yoga ser tkun is-Sinjorina Nathalie Bezzina u pproponiet li l-ħlas tal-istudenti jkun €5.00 kull lezzjoni, filwaqt li l-Kunsill jingħata €10 kull sessjoni għall-użu tas-sala tal-Kunsill.

2.6.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 2.7.1. Twettieq ta' proġetti kapitali (E/1/3/Vol IV)(T/4/13/Vol XI)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.3 tas-seduta preċedenti u qal li huwa jaqbel li l-Kunsill jaddotta strategija li permezz tagħha, ċerti proġetti kapitali nklużi fl-estimi 2015 jitneħħew bil-għan li l-voti tagħhom jiġu trasferiti fuq proġetti oħra, li jkunu jistgħu jinbdew u jiġu konklużi. Huwa qal li mill-istimi li għandu l-Kunsill fir-rigward tal-proġett tal-ġnien f'Mellieħa Heights u dak tal-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni mhux ser ikun possibbli li dawn jiġu trattati fl-istess żmien, mingħajr ma jinħolqu problemi finanzjarji. Għaldaqstant, wara konsultazzjonijiet li ser ikun hemm, huwa ser ikun qiegħed jipproponi trasferimenti minn ċertu voti kapitali sabiex jiġi żgurat li jitkompla l-programm ta' lampi ġodda fin-naħa t'isfel ta' Santa Marija Estate u r-*resurfacing* ta' Triq l-Armier. Dwar il-proġett tal-aħħar huwa ser jitlob laqgħa mal-Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura, bil-għan li jinġieb parti mill-finanzjament meħtieġ.

2.7.3. Il-Kunsill innota l-istqarrija tas-Sindku.

### 2.8.1. Fanali fuq iz-zuntier f'Misraħ il-Parroċċa (P/4/3/Vol IV)

2.8.2. Is-Sindku għarraf li attwalment huwa qed jitlob pariri b'rabta mar-restawr jew il-bdil tal-fanali ornamentali li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali billi l-kundizzjoni tagħhom iddeterjorat fl-aħħar snin. Qed jara li jikseb stima biex dawn jiġu restawrati.

2.8.3. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Kurja fejn jintalab il-permess sabiex ikun jista' jinbidel il-pavimentar taz-zuntier.

2.8.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

### 2.9.1. Lampi fiż-żoni tal-*boathouses* (E/1/3/Vol IV)

2.9.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 12.2. u qal li fid-dawl tal-fatt li jirriżulta illi numru ta' lampi mhumiex awtorizzati, ser ikun hemm talba mis-sidien tal-*boathouses* biex dawn jerġgħu jsiru hekk kif l-Enemalta plc tikkonettja dawk biss li jidhru fuq il-pjanti tagħha. Is-Sur C. Bartolo qal li l-Kunsill ikun irid jirrispondi għal din l-eventwalita`.

2.9.3. Is-Sindku kkummenta li l-Kunsill għandu prijoritajiet oħra li jinvolvu l-partijiet urbani fil-lokalita`, skont kif ġie approvat fl-Estimi 2015.

### 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 19/02/15
- Skeda ta' Pagamenti – 01/02/15 – 19/02/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Ftehim dwar servizz ta' kustodja tal-Għajn tal-Mellieħa - 2015
- Abbozz ta' regolamenti dwar l-Użu tas-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Twessiegħ tal-bankina quddiem 262/264, Triq il-Kbira (T/4/10/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 4 ta' Frar 2015 mibgħut mill-Perit Joseph Attard f'isem il-klijent tiegħu s-Sur Charles Zerafa fejn talab li titwessa' il-bankina quddiem l-istabbiliment tiegħu fl-indirizz imsemmi. Dan sabiex ikunu jistgħu jitpoġġew imwejjed u siġġijiet.

4.1.3. Il-Kunsill wara ħa in konsiderazzjoni li stabbilimenti oħra fil-lokalita` ingħataw faċilitajiet simili, kien tal-fehma li għandu jingħata kunsens għal din it-talba bil-kundizzjoni li jitħalla passaġġ pedonali adekwat ta' 1.5 metri bejn it-tarf tal-bankina u l-għamara proposta.

**4.2.1. Manutenzjoni fuq is-*slipway* tal-Mistra (X/1/2)**

4.2.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li kien hemm diversi talbiet sabiex l-iskall imsemmi jiġi rranġat qabel issir aktar ħsara fuqu. Għaldaqstant saru kuntatti mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura bil-għan li dan ix-xogħol jitwettaq flimkien mal-Kunsill. Permezz ta' imejl datat 12 ta' Frar 2015, l-istess Dipartiment wieġeb li lest jidħol għal din l-inizjattiva billi jipprovdi l-ħaddiema, filwaqt li l-Kunsill jipprovdi l-materjal u krejn. Skont stima li saret mill-istess Dipartiment l-ispejjeż involuti mistennija jlaħħqu €5,800.

4.2.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li bil-kuntratt dwar il-provista tal-konkos li għandu l-Kunsill, l-ispiża totali tal-krejn u l-konkos tammonta għal €7,155. Huwa fakkar ukoll li l-baġit allokat għal dan il-għan huwa €8,000.

4.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma dan huwa ntervent maġġuri u għaldaqstant il-baġit allokat għandu jintuża għat-tiswijiet fuq skalli iżgħar li jeżistu fil-lokalita`.

**4.3.1. Attivita` flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol IV)**

4.3.2. Inqara imejl datat 17 ta' Frar 2015, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' *Easter Egg Hunt* miftuħa għall-pubbliku li ser tittellgħa fi Ġnien il-Qigħan.

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'din l-attivita`, sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €200.

**4.4.1. Pjattaforma tal-konkos fil-Bajja ta' l-Għadira (X/1/4/Vol II)**

4.4.2. Is-Sindku għamel referenza għal artiklu li deher fil-gazzetta "The Times" tal-20 ta' Frar 2015 fejn ġie rrappurtat li saret pjattaforma tal-konkos li ġiet approvata mill-MEPA wara li ttieħdet inizjattiva mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu sabiex il-kjoskijiet eżistenti jingħataw dehra aħjar. L-istess artiklu jikkwota wkoll l-ambjentalista bijoloġiku Dr Alan Deidun li stqarr illi dan l-intervent imur lil'hinn mil-limiti tal-linji gwida li normalment tosserva l-MEPA, filwaqt li l-permess DNO li ngħata huwa nkonsistenti mal-mod kif imxiet l-istess awtorita` rigward l-ispostament tal-istabbiliment Munchies fir-Ramla tal-Mixquqa.

4.4.3. Is-Sindku qal li filwaqt illi wieħed japprezza li l-proċedura ġiet segwita skont kif provdut fil-liġi, jidhirlu li kien ikun aktar prudenti li kieku saret konsultazzjoni mal-Kunsill. Dan billi l-Bajja tal-Għadira tgawdi l-istatus tal-*Blue Flag,* li jingħata a bażi ta' ċerti kriterji, li għandhom aċċenn qawwi fuq il-ħarsien tal-ambjent. Huwa wera d-dubji tiegħu kemm l-addozzjoni tal-proċedura DNO, li saret tliet snin ilu kemm kienet korretta, meta jitqies ukoll li din il-bajja hija kklassifikata bħala sit Natura 2000. Dan il-fattur waħdu kien indikattiv biżżejjed dwar il-ħtieġa ta' *full development application,* li tippermetti lil min huwa koncernat u lill-pubbliku in ġenerali jagħmel rappreżentazzjonijiet dwarha. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel il-pożiżżjoni tiegħu cara mal-MEPA li huwa mhux ser jerfa' responsabilta` jekk kemm-il darba jintilef l-istatus tal-Blue Flag minħabba dan l-iżvilupp.

4.4.4. Fl-assenza tal-Kunsillier E. Bartolo, inqara imejl mibgħut minnu fejn appella sabiex il-Kunsill ma jkunx parteċipi fil-qerda ta' wirt naturali billi jagħlaq għajnejħ għal żvilupp li jagħmel ħsara rreparabbli lill-ambjent li ntiret u li hu ta' attrazzjoni f'waħda mill-akbar industriji f'pajjiżna - dik tat-Turiżmu. Kompla jgħid li tali żvilupp jipperikola bil-kbir ir-riġenerazzjoni ta' bajja bħalma hi dik tal-Għadira. Wieħed ma jifhimx kif il-MEPA, li proprju f'perijodu ta' ftit ġranet tieħu deċiżjoni, biex struttura fil-bajja tal-Mixquqa tiġi trasferita minn fuq ir-ramla, bil-possibilita` li l-istess bajja minn *Beach of Quality* tiġi mtella' għall-i*status* ta' *Blue Flag*, filwaqt li tiddeċiedi arbitrarjament fir-rigward ta' bajja li diga tgawdi dan l-i*status* b'mod li tippreġudika ż-żamma ta' dan il-livell.

4.4.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa fil-minuta 4.4.4. u talab li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA minnufiħ.

**4.5.1. Tibdil fl-iskema tal-iżvilupp fl-inħawi tal-barrieri f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol IV)**

4.5.2. Is-Sindku rrefera għall-imejl datat 23 ta' Frar 2015 mibgħut mill-MEPA dwar ir-reviżjoni tal-*policy* applikabbli għaż-żoni msemmija. Ġie spjegat li l-objettivi tal-Awtorita` fir-reviżjoni tal-*policy* huma:

- Li jiġi addottat pjan komprensiv li jinkludi l-linji tat-toroq, l-użu tal-art, l-għoli tal-bini fil-qafas tal-*policy* li saret fl-2006;
- Ma jkunx hemm ħtieġa ta' ippjanar komprensiv sakemm is-sidien tal-art josservaw linji gwida mfassla mill-MEPA; u
- Il-projbizzjoni tal-*Floor-Area-Ratio*.

4.5.3. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li minbarra ittra mibgħuta mill-Kunsill fl-4 ta' Frar 2012, kienet inkitbet oħra mill-Perit Joseph Attard f'isem il-Kunsill, wara deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2014. F'ta' l-aħħar il-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni għal numru ta' konsiderazzjonijiet bil-għan li:

(a) Il-MEPA taddotta *master-plan* skont kif indikat fil-pjanta mehmuża man-notifika msemmija;

(b) Tispiċċa l-ħtieġa ta' ippjanar komprensiv mis-sidien tal-art sakemm jiġi segwit l-imsemmi *master-plan*; u

(c) Il-projbizzjoni tal-*Floor Area Ratio* għas-sit indikat.

4.5.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li skont id-dokument ppubblikat mill-MEPA jidher li l-għoli tal-bini minn naħa ta' Triq Ta' Masrija ser ikun jikkonsisti f'semi-basement, u erba' sulari, bl-aħħar wieħed irtirat 'il ġewwa. L-għoli tal-bini fuq wara jvarja skont il-*contours* tal-art.

4.5.5. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-MEPA jidher li kienet qablet mal-proposta li jiġi mpost *planning gain*, iżda li dan għandu jkun indirizzat biex tiġi modifikata l-*junction* ta' Triq il-Mithna l-Qadima ma' Triq Lewis Wettinger. Ġie osservat li l-MEPA ħadet nota ta' dawn il-punti u nkludiethom fl-iskeda tar-rappreżentazzjonijiet li sarulha dwar is-suġġett. Is-Sindku osserva li fis-sottomissjonijiet li diġa saru da parti tal-Kunsill ma ntqal xejn dwar:

- Il-projbizzjoni ta' ħwienet ta' ċerta kategorija li jattiraw klijenti li mhumiex miż-żona Ta' Masrija;
- Li garaxxijiet ma jintużawx għal skopijiet industrijali; u
- Min ser ikun responsabbli għas-*soft areas* proposti bejn il-blokki ndikati fil-pjanti ppubblikati mill-MEPA.

4.5.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li rappreżentazzjonijiet dwar din il-materja jistgħu jsiru sas-6 ta' April 2015.

4.5.7. Kien hemm qbil li l-punti msemmija fil-minuta 4.5.5. għandhom jiġu mgħoddija lill-MEPA sabiex tikkonsidrahom fil-tfassil tal-*policy* il-ġdida.

### 4.6.1. Wirja tal-Mejda tal-Appostli (S/6/Vol IV)(T/4/3/Vol II)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra datata 6 ta' Jannar 2015, mibgħuta mill-Grupp Organizzattiv Mejda tal-Appostli Mellieħa, fejn talbu permess iwaħħlu tmien kartelluni (4 piedi b'4 piedi) f'postijiet differenti biex tingħata pubbliċita` lill-wirja li ser tittellgħa bejn l-24 ta' Marzu u t-3 ta' April 2015. Intalbet ukoll eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess, kemm-il darba dan jinħareġ.

4.6.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li mhux ser ikun possibbli li l-edizzjoni ta' din is-sena ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali u għalhekk ser issir fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta` Soċjali fi Triq ir-Repubblika, Valletta.

4.6.4. Il-Kunsill approva t-twaħħil tal-*posters* u qabel ukoll li għandha tingħata eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess. Intalab ukoll sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-organizzatturi sabiex ma jħallu xejn fuq il-post hekk kif jitneħħew il-kartelluni. Il-Kunsill qabel ukoll li jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-istess attivita` sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €300.

### 4.7.1. Mixja Penitenzjali mill-Mellieħa sa l-Isla (S/6/Vol IV)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għall-attivita` annwali msemmija li ssir kull sena b'riżq il-fond Puttinu Cares fil-lejl bejn it-2 u t-3 ta' April 2015. Minħabba li din attivita` issir bi skop ta' benefiċċjenza, huwa ppropona li tingħata pubbliċita` permezz tat-twaħħil ta' poster mal-*billboard* fit-telgħa ta' Selmun, kif ukoll jiġu pprovduti *mobile toilets* fi Triq il-Kbira u fix-

Xemxija, filwaqt li titħalla miftuħa l-latrina pubblika ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

4.7.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**4.8.1. Skema Proġetti Kapitali fil-Lokalita` (F/1/7/Vol III)**

4.8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo irrefera għal imejl datat 3 ta' Frar 2014 mibgħut mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mistieden jispjega ż-żewġ proġetti nvoluti fl-applikazzjoni li saret. Mill-istess intervista deher biċ-ċar li l-proġett tal-ġnien f'Mellieħa Heights u dak tal-pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni huma żvantaġġjati peress li mhux ser jsiru bis-sehem tal-privat. Huwa ġie mistoqsi dwar jekk il-Kunsill ikunx f'pożizzjoni li jieħu finanzjament mifrux fuq tliet snin.

4.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 19 ta' Frar 2015.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda tal-pagamenti li tkopri bejn l-1 u d-19 ta' Frar 2015.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda u għaldaqstant kien hemm qbil li din għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Iffirmar tal-ftehim dwar il-Ġbir tal-Iskart Riċiklabbli għas-snin 2015-2016 (K/6/11)**

7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.5. tas-seduta preċedenti u għarraf li kien hemm diversi kuntatti ma' Green MT Ltd li permezz tagħhom ġie finalizzat it-test tal-ftehim imsemmi.

7.3. Is-Segretarju għarraf li mill-aħħar seduta, Green MT Ltd kienet ħallset €2,000 mis-somma li kienet għadha dovuta biex issa fadal bilanc ta' €2,598.30. Dan ser jitħallas qabel l-iffirmar tal-ftehim. Huwa qal ukoll li t-test finali tal-ftehim kien ġie finalizzat u d-dokument finali, flimkien maċ-ċekk kienu ser jiġu mgħoddija aktar tard fl-istess ġimgħa.

7.4. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

**8.1. Iffirmar tal-ftehim dwar il-Kustodja tal-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3)**

8.2. Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta Nru. 28 tal-25 ta' Novembru 2014, fejn kien hemm qbil li l-kustodja tal-Għajn tal-Mellieħa u l-madwar jiġu assenjati lill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina matul l-2015. Is-Sur J. Buttigieg qal illi t-test li ġie ppreparat mill-Kunsill kien approvat mill-istess għaqda, li minn naħa tagħha lesta li tidħol għall-obbligi li hemm fiħ.

8.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp u għaldaqstant il-President u s-Segretarju tal-Għaqda, is-Sinjuri Joseph Debono u Gaetano Sultana, rispettivament, flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiviffirmaw il-ftehim waqt is-seduta.

**9.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo li tgħid:**

**"Billi l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2014 ġew spjegati fid-dettal waqt seduta tal-Kunsill u ma kienx hemm punti li baqa' lok ta' aktar diskussjoni dwarhom , kif ukoll wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament tal-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2014**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova r-Rapport Finanzjarju u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Awditur Ġenerali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).". (F/1/2/Vol VIII)**

9.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur Daniel Galea sabiex jispjega l-*financial statements* imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri mal-aġenda. Ġie spjegat li s-sena finanzjarja 2014 spiċċat b'bilanċ negattiv ta' €47,584. Huwa aċċenna għall-fatt li fis-sena ta' qabel il-bilanċ negattiv reġistrat kien inqas għaliex laħaq €15,850. Minkejja li d-dħul fl-2014 żdied bi 3.60% minn €1,207,356 għal €1,250,752, min-naħa l-oħra kien hemm żieda fl-infiq rikorrenti ta' 5.95%, minn €1,232,235 fl-2013 għal €1,305,564 fl-2014. Din iż-żieda fl-infieq rikorrenti tirriżulta mill-fatt illi reġa kien hemm assi ta' valur notevoli li ġew ikkapitalizzati u beda jinqata' id-diprezzament fuqhom, li ammonta €386,368, li għalkemm hija meqjusa bħala għolja, kien fil-fatt inqas minn tal-2013 b'0.06%. L-iktar fatturi li kkontribwew għall-Ispejjeż Amministrattivi kienet iż-żieda qawwija fil-konsum tal-elettriku fil-ġonna pubbliċi, partikularment fil-Park tal-Familja, kif ukoll fuq l-attivitajiet kulturali, kif jidher hawn taħt:

| Spiża | 2013 | 2014 | Zieda (%) |
|---|---|---|---|
| Attivitajiet Kulturali | €82,687 | €111,527 | 34.88 |
| Konsum ta' Elettriku, Ilma, telefon | €15,310 | €27,411 | 79.04 |

9.3. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,155,979 u kien imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali | €1,009,987 |
| Allokazzjoni Supplimentari | 27,195 |
| Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea | €9,671 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | €34,759 |
| Rilaxx tal-Għotjiet | €74,367 |

L-Allokazzjoni Supplimentari tirrappreżenta l-ħlas tal-ammont akkumulat dovut lill-Wasteserv Malta Ltd, liema ammont tħallas direttament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. L-ammont ta' Għotjiet Rilaxxati kienu jinvolvu l-proġetti ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u il-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ u Ġnien Ħidmet il-Volontarjat u oħrajn li saru aktar qabel permezz ta' għotjiet. Kien hemm dħul ieħor ġej minn *bye-laws*, mis-Sistema tal-Infurzar Lokali u dħul ta' natura ġenerali, li ammonta għal €7,064. Kien hemm tnaqqis drastiku mill-*bye-laws* minn €21,607 fl-2013, minħabba li AvventuraSajf ma saritx fl-2014 u għalhekk ma kienx hemm dħul marbut magħha.

9.4. Ġie spjegat li l-ammont illi jidher taħt ir-Rilaxx tal-Għotjiet (*Grants Released*) jirrappreżenta l-ammont ta' diprezzament illi kien hemm fuq proġetti kapitali li ġew iffinanzjati mill-għotjiet li kien hemm matul l-2014 u fis-snin ta' qabel, bħalma huma dawk tal-*Public Private Partnership*, u l-*Urban Improvement Fund*. Il-Kunsill daħħal fondi addizzjonali permezz ta' applikazzjonijiet illi issottometta, li jinkludu l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali, l-Iskema Libreriji, l-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja u premjijiet relatati mal-*Local Enterprise Award*, il-proġett "*Bringing the E.U. Closer to the Local Communities*", *eċċ*.

9.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li kien hemm dħul ta' €7,083 mis-Sistema tal-Infurzar Lokali. Dan wara li f'Settembru 2011 ġiet xolta s-sistema mħaddma mill-Kumitat Konġunt Tramuntana u daħlet fis-seħħ dik imħaddma mill-Kumitat Reġjonali.

9.6. In-nefqa kapitali għas-sena 2014 kienet tammonta għal €775,650, li €201,130 minnha kienet ġejja minn għotjiet mogħtija mill-Gvern Ċentrali jew awtoritajiet pubbliċi.

9.7. Is-Sur D. Galea spjega li sa Diċembru 2014, il-Kunsill kien akkumula investiment ta' €5,953,114 f'assi permanenti. Kien hemm ukoll €722,886 ta' flus x'jitħallsu lill-kredituri tal-Kunsill. Inġibdet l-attenzjoni li fl-aħħar tas-sena, il-Kunsill ma kellux bilanċ biżżejjed fil-banek biex jagħmel tajjeb għal dan id-dejn, peress li dan kien €684,859. Huwa

aċċenna wkoll li kien hemm tnaqqis ta' €74,671 mill-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill, minn €759,763 fl-2013 għal €685,092 fl-2014. Għaldaqstant il-qagħda finanzjarja kienet inqas tajba mis-sena preċedenti, filwaqt li l-indikatur finanzjarju għalaq fil-livell ta' 11% skont ir-Rapport Finanzjarju Ottubru/Diċembru 2014.

9.8. Is-Seġretarju ġibed l-attenzjoni li għandha tingħata attenzjoni partikulari għat-tendenza li bdiet fl-2013, fejn il-bilanċ ta' flus disponibbli fil-kontijiet tal-bank niżel b'mod sostanzjali u li kemm il-darba din tkompli, jkun hemm problemi ta' *cash flow* li jkollha effett fuq ir-relazzjoni mal-kredituri u l-fiduċja fil-Kunsill.

9.9. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li kienet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

## 10.1. Kundizzjonijiet applikabbli għall-Kunsill dwar l-użu tas-Sala tal-Komunita` (S/3/7/Vol III)

10.2. Is-Segretarju rrefera għall-kundizzjonijiet dwar l-użu tas-sala kif saru mill-kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa u approvati mill-Kunsill Skolastiku, liema dokument kien mehmuż mal-aġenda.

10.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kkummenta li r-rata ta' €15 fis-siegħa indikata fil-kundizzjoni Nru. 5 hija għolja tant li l-Kunsill ikun jaqbillu jirrikorri għall-post privat.

10.4. Il-Kunsillier P. Cutajar rrefera wkoll għall-kundizzjoni Nru. 5 u qal li min juża s-sala għandu jkollu d-dritt li jġib kuntrattur għall-*audio* tal-fiduċja tiegħu u mhux neċessarjament juża s-servizz offrut mill-iskola. Kompla jgħid li r-responsabilita` tal-apparat (eż: *microphones*) għandha tkun tal-persuni mqabbda mill-Iskola, sakemm l-ħsara ma tkunx ġiet ikkawżata bi traskuraġni.

10.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru l-emendi li jidhru hawn taħt:

| Test Oriġinali | Test Rivedut mill-Kunsill |
|---|---|
| "5. *Fil-każ li minbarra s-servizz ta' paragrafu 4, ikun meħtieġ ukoll l-użu tal-apparat elettroniku li hemm fis-sala, il-Kap tal-Iskola jkollu dritt li jappunta żewġ persuni tal-fiduċja tiegħu sabiex iħaddmu dan l-apparat b'mod professjonali. Huwa assolutament ipprojbit li l-Għaqda konċernata tqabbad lil xi persuna tagħmel dan ix-xogħol. Dawn il-membri jkollhom id-dmir li jinfurmaw lil xi uffiċjal tal-Għaqda jekk xi apparat li jkun intuża mill-membri (eż. Microphones) jiġi rritornat fi stat ħażin u kemm jista' ikun malajr wara, jinfurmaw b'dan lill-Kap tal-Iskola. Il-ħlas għal dan is-servizz ikun €15 fis-siegħa għal kull persuna. Il-Kap tal-Iskola jkun irid jibgħat il-kont ta' dan is-servizz kif ukoll il-kont ta' xi hsarat jekk ikun il-każ, lis-Segretarju tal-Kunsill Lokali, sa mhux aktar tard minn sebat ijiem wara d-data tal-okkażjoni.".* | *"5. Fil-każ li minbarra s-servizz ta' paragrafu 4, ikun meħtieġ ukoll l-użu tal-apparat elettroniku li hemm fis-sala, il-Kap tal-Iskola jkollu dritt li jappunta żewġ persuni tal-fiduċja tiegħu sabiex iħaddmu dan l-apparat b'mod professjonali. Dawn iż-żewġ uffiċjali jkollhom ir-responsabilita` totali tal-apparat li jkun qed jintuża, sakemm dan ma ssirlux ħsara bi traskuraġni, wara li jkun ġie ċċekkjat minn qabel. Dikjarazzjoni li l-apparat ingħata fi stat li jiffunzjona, għandha tiġi ffirmata mill-partijiet. Ħsara kkawżata b'użu normali (wear and tear) għandha tkun responsabilta` tal-Iskola, iżda f'każ li din tkun ġiet ikkawżata b'użu ħazin, jew bi traskuraġni, jkun id-dmir tal-uffiċjali nkarigati li jinfurmaw lil xi rappreżentant tal-Għaqda u lill-Kap tal-Iskola, jekk xi apparat li jkun intuża (eż. Microphones) jiġi rritornat fi stat ħażin. Il-Kap tal-Iskola jkun irid jibgħat il-kont dwar is-servizz tal-uffiċjali, kif ukoll il-kont ta' xi hsarat, jekk ikun il-każ, lis-Segretarju tal-Kunsill Lokali, sa mhux aktar tard minn sebat ijiem wara d-data tal-attivita`. Il-Kunsill Lokali jew l-* |

| | |
|---|---|
| | *Għaqda jkollhom id-dritt li jqabbdu kuntrattur tal-fiduċja tagħhom. F'dan il-każ, il-Kap tal-Iskola għandu jiġi notifikat minn qabel. Il-ħlas għal dan is-servizz ikun € ???? fis-siegħa għal kull persuna.* |
| 6. Kemm fil-każ ta' paragrafu 4 u paragrafu 5, il-ħlas għandu jsir direttament lill-persuna/i konċernati kif indikat mill-Kap tal-Iskola. | *6. Kemm fil-każ ta' paragrafu 4 u paragrafu 5, il-ħlas għandu jsir lill-Iskola, jew direttament lill-persuna/I konċernat/i, kif indikat mill-Kap tal-Iskola u fil-każ tal-aħħar tinħareġ riċevuta fiskali.* |

10.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-ħlas mitlub ta' €15 fis-siegħu huwa wieħed eżorbitanti u għandu jiġi negozjat. Ġie deċiż ukoll li t-test kif emendat għandu jiġi mgħoddi lill-Kap tal-Iskola.

**11.1. Faċilitajiet għall-ipparkjar fi Triq Qasam Barrani u toroq tal-madwar (T/3/2/Vol XII)**

11.2. Is-Sindku rrefera għal applikazzjoni PA 2691/14 dwar l-estensjoni tal-gymnasium li hemm taħt il-Mellieħa Sports Club fit-triq imsemmija, li attwalment qed tiġi pproċessata mill-MEPA. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-MEPA qed tesiġi li jkun hemm parkeġġ adekwat fl-istess binja, iżda peress li dan issa mhux possibbli, jeħtieġ illi l-Kunsill jikkonferma li jeżisti spazju adekwat għall-pubbliku, filwaqt li ser jittieħdu aktar passi biex dan jiġi massimizzat.

11.3. Il-Kunsill osserva li diġa ġew immarkati *parking bays* fi Triq Qasam Barrani u Triq Vincenzo Ciappara, filwaqt li jistgħu jsiru aktar, bejn l-istess Triq Qasam Barrani u Triq l-Assedju l-Kbir. Kien hemm qbil li rappreżentazzjonijiet f'dan is-sens għandhom jsiru mal-MEPA.

**12.1. Proġett LEAP! (A/8/3)**

12.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat mid-diriġenti tal-proġett LEAP! li qed jipproponu li jħawwlu 30 siġra fil-lokalita\`. Bħala post fejn dan jista' isir, is-Sur J. Buttigieg ippropna Ġnejnet il-Mellieħa, fejn l-ideja oriġinali kienet li jsir bit-turf. Huwa qal li l-esperjenza wriet li dan jirrikjedi kwantita\` kbira ta' ilma li jrid jinġarr minn postijiet oħra, biex jinżamm ħaj matul ix-xhur xotti tas-sena.

12.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

**13.1. Żvilupp mill-ġdid ta' Popeye Village fl-inħawi tal-Prajjet (P/5/8/P)**

13.2. Is-Sindku għarraf li l-operaturi ta' Popeye Village għandhom l-intenzjoni li jneħħu il-*fun park* u l-bini eżistenti sabiex jibnu minfloku faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għat-turisti. Attwalment għaddej il-proċess ta' *screening* mal-MEPA, filwaqt li jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsill biex jispjegaw l-intenzjonijiet tagħhom.

13.3. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' mal-iżviluppaturi fis-17 ta' Marzu 2015 fis-6.00pm.

**14.1. Manutenzjoni fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)**

14.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li l-bieb li jifred id-Dar tal-Anzjani miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa, qed jinżamm magħluq minħabba raġunijiet ta' sigurta\` f'każ ta' emerġenza. Għaldaqstant ser jiġi nstallat intercom sabiex ir-*receptionist* ikollu rendikont ta' min ikun hemm fil-bini li jkun utli f'każ ta' emerġenza.

14.3. Is-Sur J. Attard qal ukoll li fiċ-ċentru hemm *cooker* illi ma jistax jintuża peress li jeħtieġ xi tiswijiet. Huwa staqsa dwar jekk jidħolx il-Kunsill f'din il-materja.

14.4. Is-Segretarju wieġeb li għalkemm maż-żmien, il-Kunsill ipprovda xi attrezzi għaċ-Ċentru, qatt ma ffinanzja servizzi ta' manutenzjoni. Is-Sur C. Debono aċċenna wkoll li l-*cooker* imsemmi lanqas ma ġie pprovdut mill-Kunsill. Qal li huwa qatt ma ra xi ftehim iffirmat f'dan ir-rigward u għalhekk mhux konxju li jeżistu xi linji gwida.

14.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsir kuntatt mad-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni.

## 15.1. Ħarsien tal-qniefed (T/3/2/Vol XII)

15.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għad-diskussjoni li kienet saret fuq dan is-suġġett fis-Seduta Nru. 31 u qal li huwa tkellem mas-Sur Vince Attard - il-President tan-Nature Trust - fejn ippropona li jitwaħħlu b'kollox sittax-il tabella li jindikaw il-preżenza tal-qniefed fi Triq il-Qammieħ, Triq tad-Dahar, Triq Wied Musa, Triq il-Latnija, Triq Ta' Msid, Triq ir-Ramla tal-Bir, Triq Ramlet il-Qortin, Triq l-Amier iż-Żgħir, u fi Triq it-Torri l-Abjad. Huwa ssuġġerielu li l-Kunsill jista' jintalab jikkonsidra li jwaħħal hu dawn it-tabelli, li jkollhom l-istemma tal-Kunsill kif ukoll dik tan-Nature Trust. Min-naħa tiegħu, is-Sur Attard qal li ser jara sa fejn ser jasal l-i*sponsor* li għandhom, filwaqt li l-Kunsill ikun jista' jwaħħal il-kumplament tat-tabelli li jkun fadal xi jsiru fit-toroq indikati.

15.3. Is-Segretarju għarraf li biex jitwaħħlu żewġ tabelli f'kull triq tinvolvi spiża ta' €337.50 mill-Vot 2313.

15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-inizjattiva.

## 16.1. Tlielaq ta' karozzi klassici organizzati mill-Valletta Grand Prix Foundation (A/6/3/2/Vol 47)(S/6/Vol IV)

16.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-fundazzjoni msemmija billi għandhom l-intenzjoni li jerġgħu jinkludu l-Mellieħa fl-edizzjoni tal-2015 tal-avveniment imsemmi, li ser issir fit-8 ta' Ottubru. Qed jippjanaw illi l-attivita` soċjali li tiġi eżattament wara ssir fil-Bitħa tas-Santwarju.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 17.1. *Workshop* dwar Ħelu San (E/3/1/11)

17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet li hija tkellmet mas-Sinjorina Alicja Marijnissen biex tikkordina l-*workshop* imsemmi, li parti minnu jkun sessjoni ta' Yoga għat-tfal. Hija qalet li jintalab ħlas ta' €25 fis-siegħa li jitħallsu mill-ġenituri. Hija pproponiet li l-ingridjenti jiġu pprovduti mill-Kunsill.

17.3. l-Kunsill approva l-inizjattiva.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu 2015 fis-7.00pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**